

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Novembru 2020 – Aquind vs ACER

(Kawża T-735/18) ⁽¹⁾

(“Enerġija – Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 714/2009 – Deċiżjoni tal-ACER li tiċħad talba għal eżenzjoni dwar l-interkonnessjonijiet tal-elettriku ġodda – Appell ippreżentat quddiem il-Bord tal-Appell tal-ACER – Intensità tal-istħarriġ”)

(2021/C 19/47)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Aquind Ltd (Wallsend, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: S. Goldberg, C. Davis, solicitors u E. White, aukat)

Konvenuta: L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (rappreżentati: P. Martinet, E. Tremmel, C. Gence-Creux u A. Hofstadter, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni A-001-2018 tal-Bord tal-Appell tal-ACER, tas-17 ta' Ottubru 2018, li permezz tagħha ġiet ikkonfermata d-Deċiżjoni Nru 05/2018 tal-ACER, tad-19 ta' Ġunju 2018, li tiċħad talba għal eżenzjoni dwar interkonnessjoni tal-elettriku li tgħaqqad in-networks ta' trażmissjoni tal-elettriku Brittaniku u dak Franċiż, u, min-naħa l-oħra, tal-imsemmija deċiżjoni tal-ACER.

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni A-001-2018 tal-Bord tal-Appell tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) tas-17 ta' Ottubru 2018 hija annullata.
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) L-ACER għandha tbatlha l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn Aquind Ltd.

⁽¹⁾ ĠU C 103, 18.3.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 18 ta' Novembru 2020 – Topcart vs EUIPO – Carl International (TC CARL)

(Kawża T-377/19) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għal trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea TC CARL – Trade mark figurattiva nazzjonali preċedenti CARL TOUCH – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001]”)

(2021/C 19/48)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Topcart GmbH (Wiesbaden, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Hoffmann, avukat)